MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-12 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 499/2011

**Joseph Mifsud u David Mifsud**

**Vs**

**Bank of Valletta plc**

Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li l-provi li ressqet il-konvenuta fil-kawza **Bank of Valletta plc vs David Mifsud** (368/2000RCP) huma bazati fuq il-falz, u sabiex il-qorti tiddikjara li l-konjugi Mifsud m'humiex debituri tal-bank. Dik il-kawza giet deciza fit-3 ta' Mejju 2000 fejn il-konvenut Mifsud gew kundannati jhallsu s-somma ta' Lm24,058.22 flimkien mal-imghax mill-1 ta' Ottubru 1999 sad-data tal-hlas. Il-konjugi Mifsud kienu baqghu kontumaci u s-sentenza saret gudikat. L-ilment tal-atturi hu li kuntrarjament ghal dak li kien juri r-rendikont li l-bank kien ipprezenta fil-kawza 368/2000, *"...... id-dejn gie imnaqqas jekk mhux addirittura gie kkancellat permezz ta' gbir ta' flus minn*

*pubblikazzjoni ta' diversi kuntratti fejn deher rappresentant tal-Bank intimat u rcieva ghan-nom tal-Bank intimat akkonti sabiex jsiru imbaghad il-kancellament ipotekarji dovuti sabiex jkun jista' jinbieghu il-fondi soggett tal-kuntratt minghajr pizijiet."*. F'dik il-kawza, il-provi li ressaq il-bank kienu:-

i. Rendikonti ta' loan accounts numri 33812511026 u 33811145011.

ii. Formoli ta' garanzija li nghatat minn David Mifsud.

iii. Dikjarazzjoni guramentata tar-rapprezentant tal-bank annessa mac-citazzjoni. Fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2000 l-istess rapprezentant iddikjara fil-mori tal-proceduri ma kienux saru pagamenti.

B'sentenza li nghatat fit-3 ta' Mejju 2000, il-qorti kkundannat lil David Mifsud sabiex ihallas lill-bank is-somma ta' Lm25,058.02 flimkien mal-imghax mill-1 ta' Ottubru 1999, u lil Joseph u Maria Dolores konjugi Mifsud sabiex ihallsu s-somma ta' Lm9,000 flimkien mal-imghax mill-1 ta' Ottubru 1999.

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fit-30 ta' Gunju 2011, il-bank wiegeb li:-

1. Il-meritu tal-kawza diga' gie deciz fil-kawza numru 368/2000, cjoe' *res judicata*.
2. It-talbiet huma inamissibbli ghaliex sentenza tista' tigi attakkata biss permezz ta' Appell jew ritrattazzjoni, liema rimedji ma gewx utilizzati mill-atturi.
3. Kull qerq u falsita' hi preskritta skond l-Artikolu 1222 u 1223 tal-Kodici Civili.
4. Fil-meritu, m'huwiex minnu li l-provi fil-kawza 368/2000 juru l-falz.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet li l-atturi pprezentaw fit-2 ta' April 2012 iddikjaraw : *'Wiehed irid ikun car li fil-kawza odjerna l-mertu huwa ristrett hafna u cioe jirrivolvi dwar il-kwezit jekk kienx hemm xi frodi jew le da parti tal-Bank intimat meta pprosegwiet bl-ewwel kawza.'*.

M'hemmx dubju li kieku l-konvenuti riedu jikkontestaw il-kawza 368/2000 kellhom kull opportunita' li jaghtu eccezzjoni tal-pagament u jressqu provi f'dak il-procediment. Ghal ragunijiet li jafu huma biss, ghazlu t-triq tas-silenzju. Ghalkemm hu minnu li l-kontumacja m'hijiex ammissjoni, b'daqshekk ma jatix dritt li jerga' jinfetah

ghad-dibattitu dak li hemm sentenza dwaru. Bl-agir taghhom l-atturi ikkomprომettew ruhhom irrimedjabbilment.
Jekk il-qorti kellha tilqa‘ l-istedina tal-atturi, jehtieg bilfors li terga‘ tidhol fil-meritu biex jigi determinat jekk l-atturi humiex debituri tal-bank. Meritu li diga‘ hemm sentenza dwaru fejn l-atturi u Maria Dolores Mifsud gew kundannati jhallsu lill-bank is-somma ta‘ Lm24,058.22 bl-imghax. Permezz ta‘ din il-kawza l-ghan finali tal-atturi hu li jigu dikjarati li m’humiex debituri tal-bank. Sabiex il-qorti tkun tista‘ taghti sentenza dwar jekk l-obbligazzjoni kenitx spiccat bil-pagament, kif qeghdin jallegaw l-atturi, ifisser li jridu jitressqu provi. Fir-realta‘ l-ezercizzju li l-atturi jridu li jsir hu li l-kaz 368/2000 jerga‘ jinfetah berah, meta diga‘ hemm sentenza kontra taghhom. Dan m’huwiex possibbli.
Is-sentenza li nghatat fit-3 ta‘ Mejju 2000 hi gudikat u m’huwiex possibbli li l-kwistjoni terga tinfetah ghad-diskussjoni. L-affarijiet kienu jkunu differenti kieku per ezempju l-atturi hallsu d-dejn wara s-sentenza, u l-bank xorta ha passi biex jezegwixxi t-titolu ezekuttiv. F’din il-kawza m’ghandnix dan ix-xenarju, tant li l-kawza li ghamlu l-atturi hi mibnija fuq il-premessa li fiz-zmien li kienet qeghda tinstema‘ l-ewwel kawza l-obbligazzjoni li kellhom mal-bank kienet spiccat ghaliex kienu diga‘ hallsu d-dejn.
Il-fatt li:-

a. fil-kawza 368/2000 l-kwistjoni tal-falz qatt ma kienet meritu ta‘ dik il-kawza;

b. Maria Dolores Mifsud m’hijiex parti f’din il-kawza ;

ma jfissirx li m’hemmx l-elementi ta‘ *res judicata*.
Il-qorti taqbel ukoll mat-tezi tal-bank li fir-realta‘ dak li qeghdin jaghmlu l-atturi, mhu xejn ghajr tentattiv biex igibu fix-xejn is-sentenza tat-3 ta‘ Mejju 2000. Dan minkejja li fir-rikors guramentat ma saritx talba biex il-qorti thassar l-imsemmija sentenza. Pero’ jekk il-qorti kellha tilqa’ t-tieni talba, fir-realta’ tkun qeghda wkoll iggib fix-xejn is-sentenza tat-3 ta’ Mejju 2000 minkejja li llum hi gudikat. It-tellief f‘kawza ghandu r-rimedji ta‘ appell u ritrattazzjoni fil-kazijiet kontemplati mill-Artikolu 811 tal-Kap. 12. Dawn huma l-mezzi li toffri l-ligi biex twarrab l-effetti ta‘ sentenza li tkun inghatat minn din il-qorti. Jista’ wkoll ikollu xi rimedju iehor taht il-Kostituzzjoni u/jew Konvenzjoni

Ewropea fl-eventwalita per ezempju li jkun hemm xi ksur ghall-jedd ta' smiegh xieraq. Mit-talbiet fir-rikors guramentat hu altru milli evidenti li dan m'huwiex kaz ta' ritrattazzjoni, lanqas xi kawza li qeghda ssir qabel proceduri ta' ritrattazzjoni. Qieghed jinghad hekk ghaliex l-atturi ma llimitawx ruhhom biex jitolbu li l-qorti tiddikjara li l-kawza giet deciza fuq provi foloz, izda permezz tat-tieni talba qeghdin jitolbu wkoll dikjarazzjoni li m'humiex debituri tal-bank.

Dan apparti l-fatt li :-

i. Ritrattazzjoni ma tistax issir wara li jghaddu 5 snin mid-data tas-sentenza mpunjata (Artikolu 818(2) tal-Kap. 12).

ii. Ghalkemm tista' ssir ritrattazzjoni minn sentenza ta' din il-qorti li tkun ghaddiet gudikat, il-fatti li jaghtu lok biex issir ritrattazzjoni jridu jkunu gew a konoxxenza tal-parti wara li jkun ghadda t-terminu tal-appell (Artikolu 812 tal-Kap. 12). Kif rajna dan zgur li m'huwiex il-kaz.

iii. Ghal finijiet ta' ritrattazzjoni minhabba li sentenza tkun inghatat fuq provi foloz, it-telliefa tista' tirrikorri ghal dan ir-rimedju fejn ma tkunx taf b'dan il-fatt. Mir-rikors guramentat hu altru milli evidenti li dak li qeghdin jallegaw l-atturi m'huwiex xi haga li saru jafu bih wara s-sentenza.

Gialadarba l-atturi liberament ghazlu li ma jikkontestawx il-kawza, wara 10 snin mis-sentenza ma jistghux jipprovaw igibu fix-xejn l-effetti ta' sentenza li hi gudikat. F'dan il-kuntest hi ferm flokha r-riferenza li ghamel il-bank fin-nota ta' sottomissjonijiet tat-28 ta' Frar 2012 ghas-sentenza **Carmelo Cassar Parnis vs Gustavo Soler** nomine deciza fil-11 ta' Marzu 1949 (Volum XXXIII.ii.344): *'Meta sentenza tghaddi f'gudikat, ghax ma tigix appellata jew ritrattata, jew jekk ghaliex jekk appellata jew ritrattata tigi konfermata, hija ssir irrevokabbli ; u ma jkunx aktar lecitu li tinfetah diskussjoni fuqha, lanqas jekk tkun forsi ingusta. Ghax jekk min hu interessat ma juzax ir-rimedji li taghtih il-ligi biex iwaqqa' sentenza bhala nulla ma ghandhux raguni jilmenta mill-inflessibilita' tal-principju tal-irrevokabilita tas-sentenza lanqas ma jista' jallega li ma*

*kienx jaf bil-prolazzjoni tas-sentenza ghax kien ilu jsegwu l-kawza mid-diversi differimenti taghha.’*.

M’hemmx utilita‘ li tinghata xi decizjoni dwar it-tielet eccezzjoni, in vista ta‘ dak li nghad hawn fuq. Madankollu l-qorti tirrileva biss li l-Artikolu 1222 u 1223 japplika biss fil-kaz ta‘ rexxissjoni ta‘ kuntratti. Peress li l-kaz ma jinvolvix ir-rexxissjoni ta‘ xi kuntratt, fil-fehma tal-qorti dawn il-provvedimenti m’humiex applikabbli.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta‘ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa‘ l-ewwel u t-tieni eccezzjoni u tichad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------